**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 027/2019**

**ND (l-ilmentatur)**

**vs**

**BNF Bank p.l.c. (C 41030)**

**(il-provditur tas-servizz/il-Bank)**

**Seduta tat-22 ta' Gunju 2020**

**L-Arbitru ra l-ilment** fejn qed jigi sottomess:

Illi l-ilmentatur ghandu kont bankarju f'ismu mal-Bank u dan qed jirrifjuta li jhallih jigbed flus li huma depozitati fih.

Illi f'dan il-kont huwa jircievi flus regolarment minghand ommu, "NN" nee "NN", u kull xahar taghtih donazzjoni tal-paga taghha peress li huwa l-uniku iben li ghandha.

Illi ommu hija nvoluta f'kawza ma' terzi persuni imma hu m'ghandu x'jaqsam xejn ma' din il-kawza.

Illi meta mar jigbed il-flus minn dan il-kont imsemmi il-Bank irrifjuta li jhallih jigbed il-flus minnu minghajr ma tah spjegazzjoni.

Illi l-ilmentatur gie kostrett jikteb lill-Bank permezz tal-avukat precedenti tieghu, Dr Joshua Grech, liema ittra inkitbet fil-25 ta' Settembru 2017, imma xorta baqa' bla risposta.

Illi fit-28 ta' Settembru 2018 mar il-Bank mal-avukat, Dr Carmelo Galea, sabiex jitlob spjegazzjoni izda l-Bank naqas milli jaghtih risposta sodisfacenti.

Illi l-Bank qalilhom li kienu kitbu lill-Avukat Grech izda naqsu milli jaghtuh kopja ta' dik l-ittra.

Illi dakinhar stess, l-Avukat Carmelo Galea rega' kiteb ittra ohra li l-Bank irrisponda fid-19 ta' Novembru 2018.

Illi l-ilmentatur rega' kiteb ittra interpellatorja ohra fid-29 ta' Novembru 2018 imma baqa' bla risposta ghaliha.

Illi fl-ittri ghar-risposti ta' dawk miktuba mill-avukati Grech u Galea, qallu li ommu kellha mandat ta' sekwestru, però, din ma kinetx gustifikazzjoni sabiex jiffrizalu flusu.

Illi kif spjegat fl-ittra tal-Avukat Galea tad-29 ta' Novembru 2018, ommu ghandha kull dritt taghtih donazzjoni tal-paga li taqbad kull xahar; u immedjatament li ssehh dik id-donazzjoni dawn il-flus isiru tieghu. Din id-donazzjoni hija f'ammont zghir kull xahar u, ghalhekk, m'hemm l-ebda htiega li jsir xi att pubbliku dwarha.

Illi huwa sinifikattiv kif il-Bank ma rrisponda xejn dwar l-ittra li kitbilhom Dr Carmelo Galea fid-29 ta' Novembru 2018.

L-ilmentatur qed jitlob lill-Arbitru li jordna lill-Bank jirrilaxxalu flusu li ghandu f'dan il-kont biex ikun jista' jamministrahom hu peress li dawk huma flusu u mhux flus il-Bank jew flus ommu.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:**

1. Illi preliminarjament il-Bank esponenti jeccepixxi bir-rispett illi dan l-Onorabbli Arbitru m'ghandux il-kompetenza necessarja sabiex jisma' l-ilment in kwistjoni peress li l-flejjes mhux qeghdin jigu rrilaxxati lill-ilmentatur stante li kif jikkonferma hu stess ommu, "NN", *neé* "NN", kienet tuza dan il-kont u liema "NN"hija sekwestrata f'numru ta' mandati ta' sekwestru u b'liema mandati l-Bank esponenti gie nnotifikat bihom bhala sekwestratarju, u ghalhekk huma biss il-Qrati kompetenti li hargu dawn l-istess mandati li jistghu jiddeciedu dwar jekk il-Bank ghandux jirilaxxa l-flejjes in kwisjtoni jew le lill-ilmentatur.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kien l-ilmentatur stess li informa lill-Bank li ommu, "NN", kienet qieghda tuza l-kont in kwistjoni minhabba

li kien hemm numru ta' mandati ta' sekwestru ntavolati fil-konfront taghha u, in vista ta' din l-informazzjoni u l-fatt li l-Bank kien notifikat bhala sekwestratarju b'dawn l-istess mandati, il-Bank ma ippermettix li jsir l-izbank ta' dawn il-flejjes sabiex ma jagixxix bi ksur tal-ordnijiet tal-Onorabbli Qrati relattivi;

3. Illi l-Bank esponenti dejjem kien car bil-pozizzjoni tieghu mal-ilmentatur rigward l-istess u indika mill-ewwel x'kellu jsir mill-ilmentatur sabiex is-sitwazzjoni tigi rizolta u, *cioè,* billi jew jaghmel talba quddiem il-Qrati kompetenti sabiex jigu rilaxxati l-flejjes koncernati jew inkella ommu, "NN", tottjeni l-hrug tal-kontro-mandati relattivi;

4. Illi nonostante dan kollu l-esponenti baqa' jinsisti ghar-rilaxx tal-istess, izda l-Bank esponenti mhuwiex l-entità kompetenti li tista' tiddeciedi jekk il-flejjes in kwisjtoni humiex attwalment donazzjoni kif qieghed jallega l-istess ilmentatur u, certament, wiehed irid japprezza u jifhem li la darba hemm ordni mill-Onorabbli Qrati biex jigu ssekwestrati flejjes ta' ommu, "NN", u gie kkonfermat li "NN" kienet qieghda tpoggi flejjes taghha f'dan il-kont, il-Bank esponenti mhuwiex ser jaqbad jirrilaxxa l-flejjes in kwistjoni a bazi ta' semplici dikjarazzjoni mill-ilmentatur;

5. Illi f'kaz li l-Bank esponenti jaqbad u jirrilaxxa l-flejjes in kwistjoni minghajr ma jkun hemm ordni mill-Onorabbli Qrati kompetenti li jippermettuh li jaghmel l-istess, jekk jirrizulta li l-flejjes in kwistjoni ma kinux vera donazzjoni, il-Bank esponenti jkun agixxa mhux biss bi ksur ta' ordni tal-Onorabbli Qrati kompetenti izda wkoll ikun instab li qieghed jagixxi bi ksur tad-drittijiet tal-krredituri koncernati;

6. Illi ghalhekk il-Bank esponenti certament ma jistax jigi ippenalizzat talli ha din il-pozizzjoni kawta *in vista* tac-cirkostanzi tal-kaz, b'mod partikolari tal-ammissjoni tal-ilmentatur stess li ommu kienet qieghda tuza u tiddepozita l-flus fil-kont ikkoncernat;

7. Illi ghalhekk il-Bank esponenti m'ghandux isofri ebda spejjez in konnessjoni ma' dan l-ilment u dan la darba l-Bank dejjem agixxa in *buona fede* u fuq ordnijiet tal-Onorabbli Qrati koncernati;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra li jistghu jinghataw fil-prosegwiment tal-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-ilmentatur li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

**Eccezzjoni Preliminari dwar kompetenza**

Il-prodvitur tas-servizz jghid li l-Arbitru m'ghandux kompetenza jisma' dan il-kaz ghaliex '*peress li l-flejjes mhux qed jigu rilaxxjati lill-ilmentatur stante li kif jikkonferma hu stess ommu "NN" nee "NN" kienet tuza dan il-kont u liema "NN" hija sekwestrata f'numru ta' mandati ta' sekwestru u b'liema mandati l-Bank esponenti gie notifikat bihom bhala sekwestratarju u ghalhekk huma biss il-Qrati kompetenti li hargu dawn l-istess mandati li jistghu jiddeciedu dwar jekk il-Bank ghandux jirrilaxxa l-flejjes in kwistjoni jew le lill-ilmentatur*'.

L-Arbitru ma jaqbel xejn mal-provditur tas-servizz f'dan ir-rigward u jiddeciedi li ghandu kompetenza jisma' dan l-ilment ghal dawn ir-ragunijiet:

Qabel xejn, l-Arbitru jenfasizza li l-kompetenza tieghu tohrog mill-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta li hi l-ligi specjali li waqqfitu u li ddefinixxietlu l-kompetenza li ghandu jkollu, u wkoll tghid meta l-Arbitru m'ghandux kompetenza. L-Arbitru ghandu l-kompetenza jisma' ilmenti mressqa quddiemu minn '*klijent eligibbli.*'[1]

Il-ligi tiddefinixxi '*klijent eligibbli*' bhala:

*'"klijent eligibbli" tfisser klijent li jkun konsumatur ta' provditur tas-servizzi finanzjarji, jew li lilu l-provditur tas-servizzi finanzjarji jkun offra li jipprovdi xi servizz finanzjarju, jew li talab il-provdiment ta' xi servizz finanzjarju minn*

[1] ***19.*** *(1) Ghandha tkun il-funzjoni primarja tal-Arbitru li jittratta* ***ilmenti mressqa minn klijenti eligibbli*** *permezz tal-mezzi ta' medjazzjoni skont l-Artikolu 24, u fejn ikun mehtieg b'investigazzjoni u li jara li tinghata decizjoni fuq l-ilment imressaq.*

*provditur tas-servizzi finanzjarji. Tinkludi wkoll is-successur legali fit-titolu ghall-prodott finanzjarju li jkun soggett ghall-ilment rilevanti'.*

M'hemmx dubju li l-ilmentatur huwa konsumatur ta' provditur ta' servizzi finanzjarji Ii f'dan il-kaz huwa l-Bank *de quo.* Ghalhekk, l-ilmentatur seta' jressaq dan l-ilment.

Il-Kap. 555 izid jghid li:

'21(1)(b) *L-Arbitru ghandu jkollu l-kompetenza li jisma' lmenti skont il-funzjonijiet tieghu taht l-artikolu 19(1) fir-rigward tal-imgiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju li tkun sehhet fl-ewwel ta' Mejju 2004 jew wara ...'*

Lanqas m'hemm kwistjoni dwar dan ghaliex l-ilmentatur ressaq l-ilment tieghu fiz-zmien stipulat fil-ligi kif jipprovdi l-Artikolu 21(1).

Ghalhekk, jibqa' biss jekk hemmx l-inkompetenza kif kontemplata fl-Artikolu 21(2) tal-Kap. 555 li jipprovdi hekk:

*'L-Arbitru ghandu jirrifjuta li jezercita s-setghat tieghu taht dan l-Att meta:*

*(a) l-imgiba li jkun sar l-ilment dwarha hi jew kienet soggetta ghal* ***kawza***[2] *quddiem qorti jew tribunal mibdija mill-istess persuna li tkun qed taghmel l-ilment u li tkun dwar l-istess mertu:*

F'dan il-kaz, il-provditur tas-servizz ma gab l-ebda prova li:

L-imgiba tal-provditur tas-servizz li dwarha qed isir l-ilment hi jew kienet soggetta ghal xi **KAWZA** quddiem qorti jew tribunal mibdija mill-ilmentatur u li tkun dwar l-istess mertu tal-ilment.

Ghalhekk jidher car li filwaqt li l-provditur tas-servizz qajjem din l-eccezzjoni ma gab l-ebda prova dwarha u lanqas biss indika l-provvediment tal-ligi li, skont hu, teskludi l-kompetenza tal-Arbitru.

Kif ser jigi ttrattat fid-dettall fil-mertu, is-sekwestri li jaghmel referenza ghalihom il-provditur tas-servizz ma hargux fil-konfront tal-ilmentatur jew dwar il-kont in

[2] Enfasi tal-Arbitru

kwistjoni, izda kontra ommu li hija persuna legalment distinta minnu. Tant hu hekk, li lanqas biss gie notifikat bihom.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni u jiddeciedi li ghandu kompetenza jisma' dan l-ilment.

**Il-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[3]**

**Il-Verzjoni tal-Ilmentatur**

L-ilmentatur xehed[4] li l-kont bankarju in kwistjoni huwa tieghu u fethu hu f'ismu personali. Jghid li ommu kienet taghtih il-paga bhala *donation* u hu kien qed jitfaghhom f'dan il-kont in kwistjoni. Darba minnhom mar jigborhom u l-Bank ma tahomlux. Jghid li dan il-kont hu ma kienx juzah, però, kien jitfa' l-flus fih. Jghid li meta fetah il-kont kien tefa' xi haga zghira tal-flus fih. Jghid li wara li kien kiteb lill-Bank permezz tal-avukat Joshua Grech, il-Bank ma kienx tah risposta ghalfejn kienu qed izommulu flusu.

Anke meta mar il-Bank flimkien mal-Avukat Dr Carmelo Galea, l-impjegata tal-Bank lanqas riedet taghtih kopja tal-ittra li l-Bank kien kiteb lill-avukat precedenti tieghu.

Il-Bank kien irrisponda l-ittra tal-avukat tieghu tat-28 ta' Settembru 2018, fis-17 ta' Novembru 2018.

In kontroezami, jghid li f'dan il-kont dahlu bhala *bank transfer* mill-*employer* t'ommu il-paga taghha. Jghid li ommu kienet qed taghtih il-flus ghax hu kien tifel wahdu u dawn ommu tathomlu bhala donazzjoni. Ommu ghandha *part-time job.* Huwa kien mar jigbed il-flus ghaliex ried jaghmel kuntratt finali u kellu bzonn il-flus.

**Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz**

[3] Kap. 555, Art. 19 (3)(b)
[4] *A Fol.* 33-34

Il-provditur tas-servizz ta l-verzjoni tieghu kemm fir-risposta ghall-ilment kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet. Xhieda ma ressaqx.

It-tezi tal-Bank fil-qosor hija din:

Illi jezistu zewg mandati ta' sekwestru kontra omm l-ilmentatur.

Illi omm l-ilmentatur kienet qed tghaddi l-paga taghha lill-ilmentatur u dan kienet qed taghmlu ghaliex, kif ammess mill-istess ilmentatur fl-ittra tal-avukat tieghu, Dr Joshua Grech, tat- 28 ta' Settembru 2018, dan it-trasferiment ta' flus kien qed isir ghax peress li kienet milquta minn sekwestru u ma setghetx taghmel uzu bil-flus li ddahhal, hija kienet qed tuza parti mill-paga biex tghix biha u l-kumplament tal-flus tghaddihom lil binha bhala donazzjoni.

Filwaqt li l-Bank jikkonferma li l-mandati ta' sekwestru kienu fil-konfront tal-omm, tant li esebixxa kopja taghhom, però, jghid li '*mhuwiex qieghed jawtorizza l-izbank tal-flejjes in kwistjoni sabiex ma jkunx qieghed jagixxi bi ksur tal-ordni tal-Qrati relattivi li hargu l-mandati ta' sekwestru koncernati'.*[5]

Jghid ukoll li kif xehed l-ilmentatur ommu kienet qed tiddepozita l-paga taghha kull xahar fil-kont tat-tifel in kwistjoni u dan permezz ta' *bank transfer* li kien qieghed isir mill-principal taghha ghall-kont in kwistjoni.

Il-Bank izid jissottometti li galadarba l-mandati kontra omm l-ilmentatur ghadhom *in vigore,* hu ma jridx jikser xi ordni tal-Qorti u, ghalhekk, qal lill-ilmentatur sabiex dan tal-ahhar igib digriet mill-Qorti li jawtorizzah jizbanka l-flejjes in kwistjoni inkella li ommu tottjeni kontro-mandat fir-rigward tas-sekwestri li kellha kontriha.

Il-Bank jghid ukoll li omm l-ilmentatur kienet qed taghmel uzu mill-kont in kwistjoni.

Fis-sottomissjonijiet legali tieghu, il-provditur tas-servizz jispjega li hemm zewg sekwestri kontra omm l-ilmentatur u hu ma riedx jiehu sogru li jiksirhom, u dan skont ma jipprovdi l-Artikolu 376(2)(d) tal-Kap. 12 u li l-mandati ta' sekwestru *de quo* kollha jimponu l-ordni fuq il-Bank li ma jirrilaxxjax flus li jistghu jinsabu ghandu u li huma ta' omm l-attur.

[5] *A Fol.* 45

Jghid ukoll li ma riedx jehel danni dwar dan kif kontemplat fl-Art. 378 tal-Kap. 12.

Izid li kien a bazi ta' dawn il-provvedimenti tal-ligi li l-istess Bank iddecieda li ma jirrilaxxax il-flejjes in kwistjoni lill-ilmentatur li kien ikkonferma mal-Bank stess li ommu kienet qed tpoggi l-flus taghha fil-kont in kwistjoni.

Il-Bank jiddubita kemm il-flus kienu qed jinghataw lill-ilmentatur b'donazzjoni u jghid li galadarba l-ilmentatur jiflah jahdem, jiddubita li dan it-trasferiment ta' flus qed isir biex ommu tahrab l-effetti tal-mandati li hemm kontriha.

Il-Bank isostni li ghalkemm l-ilmentatur jghid li dawn il-flus inghataw lilu b'donazzjoni xorta wahda qabel kienu *in toto* flus ommu u ghamlet uzu minnhom u lilu tatu li kien jibqa'.

Finalment, jissottometti li l-Bank '*ma kellux triq ohra ghajr li jzomm il-flejjes in kwistjoni u ma jirrilaxxax l-istess sakemm is-sitwazzjoni tigi kjarifikata mill-Qrati kompetenti'.*[6]

**Konsiderazzjonijiet Ohra**

Ir-raguni li jaghti l-Bank sabiex ma rrilaxxax il-flus mill-kont tal-ilmentatur hija li l-flus li l-*employer* ta' "NN" qed jghaddi lill-ilmentatur hija l-paga tal-istess "NN"li hija milquta b'zewg sekwestri u l-Bank huwa wiehed mis-sekwestratarji. Il-Bank jghid li hu jrid josserva dawn iz-zewg mandati sabiex ma jiksirx l-ordni tal-Qorti u sabiex ma jkunx responsabbli ghal xi hlas ta' danni.

Però, jirrizulta mill-atti li l-mandati li gew esebiti mill-Bank huma mandati mahrugin f'isem omm l-ilmentatur u m'hemm l-ebda mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-ilmentatur. Dan ifisser li l-Bank m'ghandu l-ebda ordni sabiex il-kont tal-ilmentatur jigi iffrizat. Ghalhekk, dak li jghid il-Bank - li mhux qed jawtorizza l-izbank biex ma jiksirx ordni tal-Qorti - huwa bla bazi legali ghaliex il-Bank m'ghandu l-ebda ordni tal-Qorti biex jiffriza kont li mhux milqut mis-sekwestri.

L-ilmentatur xehed li l-flus li kienet qed tghaddilu ommu kienu gejjin mill-paga taghha.

---

[6] *A Fol.* 50

L-Arbitru jinnota li skont l-Artikolu 381 moqri flimkien mal-Art. 382 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ammont ta' €698.81 fix-xahar mill-paga tal-omm l-ilmentatur, ma humiex sekwestrabbli ghaliex il-legizlatur ried li min ikun milqut minn sekwestru jkollu dhul dicenti sabiex jghix. L-omm ghandha *part-time job* u, mid-dehra, qed tghix b'dak li taqla' minn dan ix-xoghol. Galadarba l-ligi tipprotegi flus l-omm sa €698.81, din tista' taghmel li trid bihom inkluz li taghtihom lil binha. Ghalhekk, sa dan l-ammont la l-*employer* u lanqas omm l-ilmentatur m'huma jiksru l-ordni tal-Qorti ghaliex is-sekwestru jolqot kwalunke somma 'l fuq minn dak l-ammont. U l-Bank m'ghandu l-ebda ordni ta' Qorti sabiex ikun hu li jissekwestra dan l-ammont li lanqas huma f'xi kont tal-omm izda fil-kont ta' binha. Lanqas il-Qorti ma tista' tordna s-sekwestru ta' dan l-ammont ghaliex dan huwa protett mil-ligi kif intqal aktar 'il fuq.

Il-Bank isemmi wkoll li kien qed jibbaza d-decizjoni tieghu fuq il-premessa legali li kien qed josserva l-Artikolu 376(2)(d) tal-Kap. 12. Però, dan l-Artikolu ma japplikax fir-rigward tal-ilmentatur ghax kif inghad m'huwiex milqut mis-sekwestri li hargu fil-konfront t'ommu.

Filwaqt li l-partijiet dahlu fi kwistjonijiet li m'humiex relevanti ghal dan il-kaz, bhal, perezempju, jekk il-formalità *o meno* tad-donazzjoni hijiex korretta jew le, naqsu jinfurmaw lill-Arbitru kemm hu l-ammont jew ammonti li l-*employer* qed jghaddi lill-ilmentatur fuq ordni ta' "NN".

Sakemm dawn l-ammonti ma jaqbzux is-€698.81 fix-xahar, mhu qed jinkiser l-ebda sekwestru u omm l-ilmentatur ghandha kwalunkwe dritt tghaddi lil binha flus li m'humiex sekwestrati; l-aktar, kif qal l-ilmentatur stess, li ommu ghandha *part-time job* u tista' tghix bl-introjtu minnu.

Il-provditur tas-servizz jghid li skont ma kien kiteb l-avukat precedenti tal-ilmentatur, saret dikjarazzjoni li omm l-ilmentatur kienet qed tghaddilu l-flus ghaliex kienet milquta b'sekwestri. Però, l-Arbitru jinnota li din il-frazi mill-ittra tal-avukat precedenti tal-ilmentatur, hekk kif ikkwotata fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-Bank, hija mehuda barra l-kuntest taghha. L-omm, fir-realtà, kienet qed tghid li peress li l-uzu tal-flus ghaliha kien ristrett hija xtaqet li dak li ddahhal mill-paga tghaddih lil binha bhala donazzjoni.

U l-Arbitru jemmen li qed isir dan bhala donazzjoni ghaliex meta l-ilmentatur mar biex jigbed il-flus riedhom kollha f'daqqa ghaliex kien ghamel konvenju u

gie bzonn il-flus. M'hemm l-ebda xhieda kuntrarja ghal dan. Dan juri li l-ilmentatur kien verament sar il-proprjetarju tal-flus li kienet ghaddietlu ommu u, mhux kif donnu jghid il-Bank, li l-omm qed tinqeda bil-kont ta' binha biex tahrab is-sekwestru.

L-Arbitru jqis ukoll li l-Bank jghid li qed *'jissuspetta'* dan, u ma gab l-ebda prova biex jissustanza dan id-dubju.

**Min ikollu f'idejh flus haddiehor, kif ghandu l-Bank bhalissa fil-konfront tal-ilmentatur, ghandu respsonsabbiltà kbira li jagixxi bl-aktar mod professjonali; u biex ikun jista' jissekwestra flus kif qed jaghmel il-Bank bhalissa, jrid jagixxi fuq bazi legali soda u jkollu ordni tal-Qorti biex jaghmel dan. Fil-konfront tal-ilmentatur m'hemm ebda ordni ta' Qorti f'dan ir-rigward.**

Barra minn hekk, irid jithares principju baziku iehor. Hija prassi kostanti bankarja li l-proprjetarju ta' kont hija dik il-persuna li fuq isimha jkun il-kont. Tant hu hekk, li l-bank ma jista' jaghti l-ebda taghrif fuq kont lanqas lil wiehed mill-konjugi fi zwieg fuq konjugi iehor, jew taghrif lill-genituri fuq kontijiet ta' uliedhom jew *vici versa.* Barra minn hekk, anke ulied, li skont il-ligi ghadhom m'humiex maggorenni, jista' jkollhom kont bankarju jekk ikunu lahqu l-età ta' sittax-il sena u, galadarba jifthu dak il-kont, hadd ma jkun jista' jamministrah hliefhom.

Dan johrog mill-Artikolu 971 A tal-Kodici Civili li jghid:

'*Minkejja kull dispozizzjoni ta' dan il-Kodici, tifel li jkun ghalaq is-sittax-il sena jista' jiddepozita flus f'kont f'bank miftuh mit-tifel f'ismu, u kull flus depozitati f'kull kont bhal dak jistghu jkunu rtirati biss minn dak it-tifel minkejja li dawk il-flus jistghu jkunu suggetti ghall-amministrazzjoni, uzufrutt jew awtorità ta' xi persuna ohra. Ghall-finijiet kollha tal-ligi, tifel, dwar il-ftuh u thaddim ta' xi kont bhal dak, jitqies li hu tal-età*.'

Dan huwa ezempju wiehed ta' kemm huwa partikolari kont bankarju ghal dik li hi proprjetà tieghu.

Ghalhekk, il-prattika li ntuzat mill-Bank m'hija xejn ortodossa. L-Arbitru jidhirlu wkoll li l-prattika li uza l-Bank ma kinetx wahda legalment korretta ghaliex il-Bank m'ghandu l-ebda ordni mill-Qorti biex jiffriza l-kont tal-ilmentatur.

Il-Bank ma joffrix konfort lill-Arbitru dwar ir-ragunijiet legali li sostna ghaliex l-unika raguni legali li gab kienet dik li ried jobdi l-ordni li tat il-Qorti fil-konfront taz-zewg sekwestri li kellha kontriha omm l-ilmentatur, izda minghajr ma jgib xi prova jew jaghti raguni legali soda kif dawk is-sekwestri kienu jolqtu lill-ilmentatur li ma kellu x'jaqsam xejn mad-debiti li seta' ghandha ommu.

Ghalhekk il-Bank mhux korrett li jghid li kien qed jimxi a bazi tal-Art. 376(2)(d) tal-Kap. 12, ghax dan l-Artikolu ma japplikax ghall-ilmentatur imma ghal ommu. Il-Bank ma kellu l-ebda ordni mill-Qorti sabiex jiffriza l-kont tal-ilmentatur. Dik kienet decizjoni li ha l-Bank unilateralment minghajr ebda awtorizzazzjoni tal-Qorti u ghamilha ta' Qorti hu stess.

Lanqas mhu gustifikat li l-Bank jghid lill-ilmentatur sabiex imur il-Qorti u jitlob xi forma ta' awtorizzazzjoni mill-Qorti biex ikun jista' juza l-flus fil-kont tieghu meta l-ilmentatur mhux parti fil-proceduri tal-mandati li ghandha kontriha ommu.

Galadarba l-Bank kellu dubju jekk kellux jiffriza l-kont tal-ilmentatur, allura, messu mar hu l-Qorti u talab direzzjoni mill-Qorti u mhux jitfa' l-piz fuq l-ilmentatur meta kien l-istess Bank li ha d-decizjoni li jiffrizalu flusu minghajr ma kien hemm l-ebda sekwestru fil-konfront tieghu.

Ghalhekk, l-Arbitru jqis li d-decizjoni li ha l-Bank, li minn jeddu u minghajr ebda awtorizzazzjoni tal-Qorti, jiffriza l-kont tal-ilmentatur mertu ta' dan il-kaz, kienet wahda zbaljata u assuma poteri legali li ma kellux. F'kaz ta' dubju messu ha direzzjoni mill-Qorti.

**Dan iwassal lill-Arbitru jiddeciedi li l-imgiba tal-provditur tas-servizz ma kinetx korretta u jhoss li l-ilment huwa gust, ekwu u ragonevoli u ser jilqghu sakemm huwa kompatibbli u fil-limiti ta' din id-decizjoni.**

Skont l-Artikolu 26(3)(c)(i) u (iii) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru ghandu l-poter li jordna lill-provditur tas-servizz li *'(i) li jirrevedi, jirrettifika, jimmitiga jew ibbidel l-imgiba li fuqha jkun sar l-ilment jew il-konsegwenzi taghha;* kif ukoll *'(iii) li jbiddel xi prattika li jkollha x'taqsam ma' dik l-imgiba'.*

L-Arbitru qed jordna lill-Bank jibdel din l-imgiba kif gej.

**Ghal dak li hu rimedju, l-Arbitru ghandu ftit tal-limitazzjoni minhabba li ma inghatax informazzjoni bizzejjed mill-partijiet, fosthom, kemm hu l-ammont ta' flus li qed jigi moghti lill-ilmentatur minn ommu mill-paga kull xahar.**

**Jekk dak l-ammont ma jaqbizx is-somma ta' €698.81 kull xahar, allura, l-Bank ghandu jirrilaxxa l-ammonti kollha li hemm fil-kont tal-ilmentatur. F'kaz li l-ammonti kull xahar qabzu jew jaqbzu dan l-ammont, jekk il-Bank ghandu xi dubju, allura, ghandu jitlob direzzjoni mill-Qorti u jimxi ma' dik id-direzzjoni.**

**Jekk ikun il-kaz, il-Bank ghandu jaghmel dan fi zmien gimgha minn din id-decizjoni u jinforma lill-ilmentatur bl-ezitu tad-direzzjoni tal-Qorti.**

**L-ispejjez ta' dan il-kaz huma ghall-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**